LIĠI ĠDIDA TA'

# SAĦĦA U SIGURTÀ F'SITI TA' KOSTRUZZJONI

## AĠĠORNA RUĦEK



ohsa.mt

## JEKK SE TIBDA XI PROĠETT TA' KOSTRUZZJONI, INTI MEQJUS BĦALA KLIJENT. DAN IĠIB MIEGĦU NUMRU TA' RESPONSABBILTAJIET.

- ✔ Trid tappunta Project Supervisor biex jeħodlok ħsieb is-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit (apparti f'każ ta' proġetti domestiċi).
- ✔ Il-Project Supervisor irid jintgħażel mir-Reġistru ta' Persuni Kompetenti ġestit mill-OHSA.
- ✔ Trid tinforma lill-OHSA bil-ħatra tal-Project Supervisor u notifiċi oħra relatati mal-proġett.
- ✔ L-ebda xogħol ma jista' jibda sakemm jiġi appuntat Project Supervisor u jinħarġu l-approvazzjonijiet.
- ✔ Ara li l-Project Supervisor iżommok aġġornat bir-responsabbiltajiet u l-azzjonijiet tagħhom.
- ✔ Tista' taħtar rappreżentant biex jaġixxi f'ismek u jassumi r-responsabbiltà tiegħek skont il-liġi.
- ✔ Ibgħat in-notifiċi neċessarji lill-OHSA minn fuq il-websajt ohsa.mt

### X'INHU 'XOGĦOL TA' KOSTRUZZJONI'?

Xogħol ta' kostruzzjoni huwa kull tip ta' żvilupp li jinkludi bini, rinnovazzjoni jew restawr, manutenzjoni (inkluż żebgħa u tindif), ħatt, demolizzjoni, tiswijiet, skavar, konverżjoni, drenaġġ u xogħlijiet oħra relatati, fost oħrajn.

**Sit ta' kostruzzjoni** huwa kull post fejn iseħħu dawn ix-xogħlijiet.

## TIPI TA' PROĠETTI

### PROĠETTI DOMESTIĊI

- Xogħlijiet żgħar li ma jaqawx taħt il-kriterji ta' proġetti kbar f'dar privata, appartament jew kwalunkwe proprjetà.
- Il-proprjetà mhux se tintuża għal fini ta' negozju.
- Se jaħdem kuntrattur wieħed biss.
- M'hemmx riskji għolja skont il-liġi.

**M'hemmx għalfejn jiġi appuntat Project Supervisor.**

### PROĠETTI KBAR

- Xogħlijiet li jdumu aktar minn 30 jum u jinvolvu aktar minn 20 ħaddiem, jew jaqbżu l-500 ġurnata ta' xogħol ta' persuna.
- Jistgħu jinkludu blokok kbar ta' appartamenti, bini kummerċjali jew infrastruttura pubblika.

**Irid jiġi appuntat Project Supervisor.**

**Trid tintbagħat Construction Notification Form lill-OHSA.**

### PROĠETTI OĦRA

- Ix-xogħlijiet l-oħra kollha (bħal blokok ta' appartamenti żgħar jew uffiċini u negozji).
- Jinvolvu aktar minn kuntrattur wieħed.
- Hemm riskji speċifiċi skont il-liġi

**Irid jiġi appuntat Project Supervisor.**

**Għal aktar informazzjoni:** ohsa.mt | 138 (disponibbli 24/7) | ohsa@ohsa.mt

**L-għan tagħna huwa li nibnu b'mod aktar sigur għax 'Kull Ħaddiem Jgħodd'.**

*Dan huwa gwida ġenerali. Għat-test sħiħ tar-regolamenti legali L.S. 646.27 żur ohsa.mt/legislation*